Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,615, 12 ta' Mejju, 1998
Taqsima B

A.L. 129 ta' l-1998

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti ta' l-1998 dwar Testijiet tan-Nifs (Strumenti u Laboratorji)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 15E ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ordinanza", il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 dwar Testijiet tan-Nifs (Strumenti u Laboratorji). Titolu.

2. Iż-żewġ kampjuni tan-nifs għall-analiżi skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15E ta' l-Ordinanza għandhom jingħataw permezz ta' strumenti li jidhru fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Strumenti għal kampjuni tan-nifs.

3. L-analiżi ta' kampjun mogħti skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 15E ta' l-Ordinanza għandu jsir fil-laboratorji li jidhru fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Laboratorji għall-analiżi.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 2)

1. *Lion Alcometer SD-400.*

2. *Lion Intoxilyzer 6000 – 220/240 volts.*

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 3)

1. Laboratorju Forensiku fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana.